# SERQA F'BERLIN

Ta' Vic. Apap

GHADDEJNA nofs ta' nhar fuq mejda f'wieħed mill-kafejiet ta' Berlin u ma nafx fuq kemm xorti tkellimna. Meta kien għoddu dalam ħsibna biex noħorġu u mmorru nagħmlu passejn. Bla ma naf il-għala, kliemna waqa' fuq is-serq. Habibi Wilhelm, avukat żagħżugħ, riedni naqbel miegħu li kull delitt hu marda li titrabba fil-bniedem mingħajr ma dan ikun xtaq għall-bidu li jitniġġes biha. "Tant hu hekk," issokta jgħidli l-avukat, "illi l-bniedem imbagħad jibda jħossu mkabbar li hu ħalliel, waqt li n-nies l-oħra tissaħħar wara ħiltu, titbissem għall-praspar li jagħmel lill-Pulizija, u saħansitra titnikket meta jinqabad u tarah marbut dieħel il-ħabs."

"Jista' jkun kif qed tgħid inti," għedtlu jien, "imma kemm hawn minn din ix-xorta ta' ħallelin? Saħansitra biex tiġbed xi ħaġa mill-but ta' ħaddieħor taħtieġ sengħa u kuraġġ li ma tantx issibhom kif ġieb u laħaq."

"M'hemmx għalfejn ta' kuraġġ iżjed milli għandu kull wieħed minna," qalli Wilhelm sod fil-fehma tiegħu.

"Tridx mela naraw hux hekk?" staqsejtu. "Nirkbu t-tram u minn qalb il-folla tkun tista' turini jekk dak li taħseb int hux minnu: israq xi ħaġa lil min ikollok ħdejk."

L-avukat baqa' jħarisli ċass f'għajnejja għal ftit ħin. Imbagħad, biex ma jwaqqax l-argument tiegħu, għamilli mħatra għal għaxar fliexken birra.

It-tram kien miżgħud bin-nies. Iddeffisna mill-aħjar li stajna, qabbadna mal-ħoloq li kien hemm fin-nofs u bdejna nixxenglu ma' kull teħżiża li kien jagħti t-tram. Bejnietna sabet ruħha xbejba, kollha fwieħa u żebgħa. Ma' kull skoss tat-tram kienet l-ewwel tistabat 'il quddiem fuqi u mbagħad tiltewa lura fuq l-avukat sieħbi. Imdendla ma' idha x-xellugija kellha titbandal borża kbira tal-ġild.

Intbaht li din kienet sa tkun il-vittma ta' Wilhelm, u għaldaqstant ma qlajtx għajnejja minn fuqu. Idu bdiet nieżla qajl qajl lejn il-borża, u sakemm wasalna Büllowstrasse, subgħajh kienu qegħdin iteftfuha ħafif ħafif.

Jien bżajt minfloku dak il-ħin: bsart li x-xebba sa tinduna u tilgħablu ħasla quddiem tram nies, jew inkella li jarah xi ħaddieħor u jiksru quddiem ix-xebba. Wilhelm, milli jidher ma ħasebx hekk, u subgħajh ma tbegħdux mill-borża tax-xebba.

Meta waqafna f'Nollendorfplatz, is-sinjorina għolliet il-borża, ħarġet mera, u tat diika aħmar lil xofftejha diġà ħomor nar. F'dan il-ħin rajt lil Wilhelm sa jaqbad idaħħal idu fil-borża. Nifsi ħassejtu jinqatagħli. Ix-xbejba ċċaqalqet u Wilhelm kien ħafif biżżejjed biex laħaq warrab idu qabel ma tarah. Ħassejtni nieħu r-ruħ, imma Wilhelm kien għadu ma seraq xejn, u quddiem għanjejja bdejt narani rebbieħ fuq sieħbi u qiegħed nixrob il-għaxar fliexken birra minn fuq dahru.

Ftit qabel ma wasalna Wittenbergplatz, it-tram waqaf f'daqqa: kull min kien bil-wieqfa stabat fuq xulxin. F'dan il-waqt ta' taħwid, Wilhelm daħħal idu fil-borża tax-xebba, u bla telf ta' żmien ħareġ xi ħaġa li tefagħha f'butu mill-ewwel. Rajtu jsir aħmar daqs xofftejn ix-xbejba, u jien ukoll ħassejt qalbi tiksaħli ġewwa fija. Meta ħarisna lejn xulxin, Wilhelm tbissimli, imma deher li kien imdejjaq u mbażża' mhux ftit.

Ma domniex ma wasalna qrib il-Ġnien Żooloġiku. Is-sinjorina niżlet mit-tram u aħna nżilna warajha. Kif konna fit-triq, Wilhelm ħareġ maktur, ħa nifs qawwi u mesaħ l-għaraq minn fuq ġbinu.

"Issa kif sa nagħmlu ħalli nagħtuha l-flus lura?" staqsieni l-avukat.

Lanqas ma laħaq spiċċa l-kliem li ma resaqx fuqna sinjur: sellmilna, bexxaq kemm kemm il-ġlekk biex uriena l-arma tal-Pulizija, u b'leħen baxx qalilna: "Nitlobkom, sinjuri, tiġu miegħi bla taħbit xejn. B'hekk ħadd ma jkun jaf x'għamiltu."

Jien xtaqt l-art tiblagħni għal dal-kelmiet. Wilhelm sar isfar lellux. Imxejna wara d-detective qisna żewġt itfal sejrin għal xebgħa. Irkibna taksi bla ma tniffisna u r-raġel qagħad bil-qiegħda f'nofsna. Il-biża' tagħna ssokta jikber meta smajnieh igħid lis-sewwieq: "Il-Għassa tal-Pulizija ta' Alexanderplatz."

L-ewwel ma ftaħt fommi kont jien. Ridt infissirlu li dak li għamilna ma kienx bi ħsieb ta' serq, imma għaliex kellna mħatra żgħira bejnietna. Id-detective tbissem u bla ma ħares lejja qalli :—

"Smajna ħafna minnhom dawn l-istejjer. Imma naħseb li ma ilkomx li bdejtuha s-sengħa ta' ħallelin: kieku ma kontux tħalluni nintebah bikom. Issa jekk jogħġobkom agħtuni dak li sraqtu."

Wilhelm daħħal idu fil-but u kollu mriegħed tah il-flus li kien seraq lix-xbejba.

"37 mark u 46 pfennig. Ftit ħafna lħaqtu dabbartu. Jekk jogħġobkom agħtuni wkoll id-dokumenti tagħkom u l-flus ta' fuqkom."

Aħna mbeżżgħin għamilna kif ordnalna, u meta d-detective ħa l-flus f'idejh u għaddhom, iddielna rċevuta kull wieħed.

It-taksi ma damx ma waqaf quddiem il-palazz tal-Pulizija.

"Imxu wrajja," ordnalna d-detective.

Għaddieli ħsieb li nitlaq niġri, imma l-ħarsa tad-detective beżżgħetni u mxejt għal urajh.

Dħalna hemm ġew u qbadna mexjin ma' kurituri twal ma jispiċċaw qatt. Meta wsalna quddiem bieb, ir-raġel għamlilna sinjal biex nistennewh hemm; hu baqa' dieħel u għalaq il-bieb warajh.

Aħna stennejna fuq li stennejna hemmhekk, iżda d-detective ma raġax tfaċċa. Ħabbatna mal-bieb u ma weġibna ħadd. Konna sa nitilqu, imma l-ħsieb li għandu kellna d-dokumenti tagħna, reġġagħna ndawru ħsiebna u nibqgħu hemm nistennew ftit ieħor. Fl-aħħar, meta rajna li m'hemmx li jidher minn fejn kien daħal, qbadt il-lukkett tal-bieb u bdejt nifthu bil-mod il-mod. Meta ftaħt, sibt li kien bieb jagħti għal taraġ dejjaq. Ħarist għal isfel imma ma deher ħadd.

Jien u Wilhelm ħarisna lejn xulxin, u mingħajr ma għedna kelma, qbadna naħsbu ħażin fid-detective. Erġajna tlaqna lura mal-kurituri twal sa ma fl-aħħar sibna ruħna mill-ġdid f'Alexanderplatz.

Konna għadna kemm tlaqna nimxu, meta minn wara daħarna smajna lis-sewwieq tat-taksi jgħajjat kemm jiflaħ: "Jaqblilkom tħallsu qabel ma titilqu għal triqtkom!"

"Fejn mar is-sinjur l-ieħor?" staqsejtu jien qisni ħaruf.

"Jien naf!" weġibni mgħaddab is-sewwieq, "jista' jkun li ħareġ min-naħa ta' wara."

Ma kellniex ħlief nirkbu t-taksi mill-ġdid, naslu biha saddar u nisselfu 20 mark sakemm jisbaħ il-għada u mmorru niġbdu l-flus mill-bank.

"B'danakollu," qalli l-avukat qabel ma nfridna biex norqdu, "kellna riżqna tajjeb li ma spiċċajnihiex il-ħabs l-imħatra."

Ma stajniex ngħidu min minna kien rebaħ. Qtajna, għalhekk, li nħallsu ħames fliexken birra kull wieħed u nixorbuhom bis-saħħa tal-ħalliel tassew, li f'dik il-lejla kien tana wirja tajba ta' ħiltu.